# PAĊIKKU

—X'hemm, Sur Pawlin, immorru nonsbu għada?

—Iva, Paċikk. Għalfejn nitilqulha?

—L-aħjar lejn ta' Ċenċ. Dawk l-inħawi hemm il-passa, din il-ħabta.

—Naħseb li hemm ġibda ġmielha minn hawn sa hemm, Paċikk.

—Eh, m'għandniex xi ngħidu, sinjur, m'għandniex xi ngħidu. Iżda issa wasalna fl-aħħar, ikollna nitqannew b'kollox.

—Kollox sew, Paċikk. Għada bħas-soltu, xi tgħid? għal ħamsa... Saħħa.

—Saħħa, sur Pawlin — U Paċikk qalâli l-berritta, ta daqtejn ta' ħabel lill-ħmar li kellu warajh mgħobbi bit-tiben.

Paċikku kien wieħed minn dawk l-irġiel li l-lum, tfittex kemm tfittex fl-irħula tagħna, ikollok xorti jekk issib wieħed biss bħalhom. Għalkemm in-natura ma tantx kienet ħanina miegħu u għamlitu inqas minn ħadd ieħor, huwa qatt ma qagħad jaħseb fuq kif ġie għar minn l-oħrajn, l-anqas qagħad jisħet xortih u jokrob man-nies fuq għamlietu, iżda ħa kollox kif ġie u kien dejjem bit-tbissima fuq fommu u b'wiċċu mogħti għad-daħka. Ir-raħal kollu kien jaf għaliex Paċikk inzerta hekk, għaliex kien twieled sieq iqsar minn oħra u qasir u temtumi, u xħin xi ħadd kien imur igħidlu xi ħaġa fuq hekk Paċikk kien iqiegħed idejh taħt spalltu, ibexxaq għajnejh, iħares ftit ċass lejh, itajjar beżqa u jibagħtu jixxejjer.—"Sieħeb, mur ilħaq għastek"— U ma kienx jagħmel ħażin. Għax hu x'kien jimpurtah li mita kien ser' jitwieled ommu minnflok ma sejħet biex tgħina lill-qâbla, biex tiffranka l-flus ġiebet lil waħda ġara, ġa la darba issa kellu jibqa' kif kien? X'kien jimpurtah li mita kellu sentejn kien żelaq minn idejn ommu u ġie fuq siequ x-xellugija u għawwiġha; u li mita kien għadu kemm għalaq it-tmien snin mar barri fuqu u bil-qata' sar itemtem, jekk kemm-il darba bil-kliem kollu tagħhom zopp kien u zopp jibqa', ilsienu jeħel kien u jkompli jeħel, imqar jekk iġibulu parank biex jaqilgħuhulu? —Għalija xorta —kien igħidilhom Paċikk—l-irġiel bħali ma jitqisux bix-xiber. L-aqwa li għandi flus kemm irrid, tafx... —u bi tbissima ta' rebbieħ, kien iħabbat b'idejh il-but tassidrija fejn kellu xi erba' soldi msarrfa sittiet. Inbagħad kien jobżoq, jogħla fuq siequ t-twila, jagħmel idejh ma'

ħalqu u jgħajjat b'leħen għoli: "*Basso* l-flus", għax darba kien sama' lil xi ħadd ta' l-iskola jgħid "abbasso l-flus" u Paċikk kien iħobb jisma' kollox, jaħżen il-kliem, biex inbagħad igħidhom lil sħabu (iktarx ħażin) biex jurihom li moħħu jilħaqlu iktar minn tagħhom.

Mela Paċikk, bħal ma għidna, kien zopp, itemtem, għax ilsienu kull mita kien jaħsel jeħillu ma kien ikun irid jinqalagħlu b'xejn, l-aktar meta jisħon, u ma tantx kien ġieb ruħu, tant li mqar ħdejn il-qosra, kien jidher ftit u xejn aqsar minnhom. Wiċċu kien samrani, kollu singi u tkemmix, b'leħja dejjem ta' daqs wieħed, ta' erbât ijiem, bajda u sewda, donnu ma kien iqaxxarha qatt u qatt ma kienet tikbirlu iżjed minn daqshekk. F'ħalqu kien dejjem iżomm pipa tal-ġibs abjad, kollha mġemmda u maħruqa, li, min jaf kemm-il sena rat għaddejja minn fuqha. Mita kien jisma' xi kelma ġdida jew xi kelma bit-taljan ma kienx igħid li ma jafx xi tfisser, iżda kien joqgħod jaħseb ftit, ibexxaq għajnejh; imejjel rasu 'l-hawn u 'l-hinn għal taparsi q'ed jiżinha, jobżoq (għax kull darba li kien jaħseb xi ħaġa minn għalih kbira, kien ibeżżaq biex jagħti qawwa lil kliemu) u jgħid: "Għoġobtni, sinjur", u kien malajr idawwar il-kliem fuq ħaġa oħra.

B'dan kollu Paċikk kien l-aktar bniedem ħieni tad-dinja u għalkemm qatt ma mar skola u ma mess ktieb b'idejh, kien jaħseb u jagħmilha ta' filosfu. Kien igħid, lil min kien irid joqgħod jisimgħu, li Paċikk ma kienx dak li kienu jaraw quddiemhom, zopp u temtumi u mhux twil daqshom (ma kienx jgħid "*qasir*", għax din il-kelma kien jobogħdha), għax Paċikk, kien igħidilhom, kien jilħaqlu iżjed minnhom u kien kapaċi jgħaddi minn għajn il-labra mhux biss lilhom, iżda lill-kappillan ukoll — "Sinjur aħfirli", kien iżid x'ħin kien igħid hekk u kemm-kemm imiss il-pizz tal-berritta li għalih kienet tiswa daqs l-aqwa tislima.

Huwa kien ħabib tar-raħal kollu u qatt ma kellu xi igħid ma' ħadd, ħlief ma' Kelinu ta' Marozz, għax darba, billi dan ma tantx kien jara, għall-ħabta ta' l-*Ave Marija*, kien ħasbu tifel u qallu biex ma jindaħalx mita jitkellmu l-kbar. Paċikk, m'għandniex xi ngħidu, nafar bis-sħiħ u kelma ġġib lil oħra, dak inhar saret ġlieda li r-raħal kollu ma kienx qatt ra bħalha u kull ħadd baqa' jsemmiha. Paċikk stess kien iħobb jiftaħar biha u ma konniex niltaqgħu darba li ma kienx iqabbiżha fin-nofs. U dan Paċikk kellu tajjeb ukoll li ma tantx kien jieħu għalih,la għax tgħidlu zopp bħaxxitan, l-anqas jekk tgħajru b'dak li għandu u m'għandux,

basta—għax kullħadd għandu xi *basta*—ma' tgħidlux li hu qasir jew inkella tmerih għax inbagħad ma żżommlux ilsienu, u, għalkemm temtumi, jibqa' jgħid, igħid u jgħid sa kemm jitliflek rasek u, trid jew ma tridx, ikollok tgħid li kien qal sewwa. Kien ukoll iħares lejn kullħadd bħala anqas minnu, mhux bi kburija, imma b'dak il-jedd li jieħdu x-xjuħ ma' min hu iżgħar minnhom.

B'dan kollu, Paċikk ma kienx jistmerr iħares lejn ix-xbejbiet. Niftakar darba waħda konna għaddejjin flimkien u kif dorna ma' kantuniera ħbatna wiċċ-imb-wiċċ ma' daqxejn ta' tfajla mhix ħelwa bi ftit. Jien sirt aħmar nar u tlabtha taħfirli u kif dawwart wiċċi lejn Paċikk insibu jitbissem u għammiżni—"Kif, Paċikk", għidtlu biex niċċajta—"inti wkoll", u hu, bla ma ddejjaq qalli: "Eh! sinjur, kullħadd bniedem". B'daqshekk ma jfissirx li Paċikk kien xi raġel ħażin, anzi kollox ħlief hekk, għax żmienu kien iqattgħu bejn il-knisja u l-kaċċa u f'għomru kollu qatt ma għamel deni lil ħadd.

* * *

Il-għada fil-għodu, mas-sebħ, qomt b'sabta. Kienu jħabbtu l-bieb.

—Sinjur, sur Pawlin, qum, sebaħ... Sinjur, qum, ġa daqqet ta' l-ewwel.

—Ġej, Paċikk. F'radda ta' salib inkun miegħek.

Qbist bilġri mis-sodda, ħsilt wiċċi, ilbist fuq fuq, qbadt l-ixkubetta u ftit skartoċċi u nżilt ħdejh.

—Hawn jien... Mela, ġibt il-ħmar ukoll.

—Biex naslu malajr, sinjur... Naħseb li l-ixkubetta ma ikollniex x'nambuha.

—U iva, Paċikk, jien ġibtha għalli jista' jkun... Ix-xibka ġibta? u l-għasfur fejnu?

—Hemm f'dik il-kaġġa, taħt il-karrettun... Itla' hawn, sinjur, fuq is-salib... hekk. Alla magħna, ħej, mexxi, ħej...

Kien għadu q'ed jisbaħ, kien għadu bejn dlam u dawl. Għajta ta' serduk, fil-bogħod, kisret is-skiet ta' fil-għodu u warajha, wieħed, tnejn, erba' sriedek oħra, mill-bogħod u mill-qrib wiġbuha. Bil-ħoss tal-karrettun tagħna qajjimna ir-raħal kollu u wara li għaddejna mit-toroq bdejt nara warajna t-twieqi jinfetħu, il-bibien jissabbtu u xi ras tixref minn fuq xi setaħ. U minn kull fejn għaddejna l-agħjat tal-klieb laqagħna. Wara xi sitt minuti ġiri ħriġna mir-raħal u komplejna treqitna qalb l-egħlieqi.

—Ħej, ja ħmar li int, ħej... aqla' l-barra mill-ħajt...

—Għandu jkun tajtu xi qatta silla dal-għodu, Paċikk, daqs kemm q'ed jiġri...

—Tajtu, Sur Pawlin, iżda ilu erbât ijiem jiekol ta' xejn.

—X'jidhirlek mir-riħ... ma tantx hu tajjeb...

—Mela! Għoqod fuq kliemi li m'hemmx riħ aħjar minn dan. Il-bieraħ Ċikku ta' Ċensa qabad erbât ivrieden u żewġt igriedel u Kelinu ta' Marozz, dak il... Sinjur aħfirli—u Paċikk mess il-pizz tal-berritta u tefa' beżqa—iva, qabad gardell u tliet sponsuni. U ma nafx kif qabadhom għax ma jarax qasba bogħod... u għal dan ix-xogħol irid ikollok għajnejn tajba.

—Għadek m'għamiltx ħabib miegħu, Paċikk?

—Min? jien ma' dak? jien, sin...sinjur? Dak, dak bhi...bhima — bil-korla, ilsienu beda jeħillu — Igħidli tifel quddiem kullħadd għax għajnejh biż-żliega u ma jarax xiber bogħod? Li...lili? Baballeċ, l-irġiel ma jitqisux bix-xiber, sur Paw...Pawlin.

Bis-saħħa li ħa bil-kemm sata' jitkellem. Kieku ried jarġa' jirrakkuntali mill-ġdid kull ma kien ġralu, kemm kellu xi jgħid u x'kien bi ħsiebu jagħmillu, iżda bil-biża' li lsienu jeħillu ta' kull darba, ma bediex li kellu jgħid. Ġibed nifs qawwi l-ġewwa, bexxaq għajnejh bħal mita jkun q'ed jaħseb u jkun se' jgħid xi ħaġa kbira, qala' l-pipa minn ħalqu u tefa' beżqa.

Wara siegħa ġiri wasalna Ta' Ċenċ, daħħalna l-ħmar, għand wieħed ħabib, tgħabbejna bix-xibka u l-ħwejjeġ l-oħra u Paċikk quddiem u jien wara, morna nfittxu id-dura minn fejn kellna nonsbu.

—Imxi warajja, sinjur, f'kemm tgħid kredu naslu, ara tiżloq biss..

Ta' Ċenċ huwa wita wasa', kollu blat għeri u ħofor, ileqq bin-nida bħal dal-ħin, b'ħafna xewq u ħurrieq. Fi xfar ta' Ta' Ċenċ, il-blat jinqata' dritt għal ġo l-baħar. Xi dar 'l hawn u 'l hinn, tikser il-ħemda ta' dan il-lok. Paċikk għaġġibni bl'liema ħeffa bida jaqbeż minn fuq blata għal l-oħra u biex nilħaq miegħu kont għoddni qtajt nifsi.

—Fejnha d-dura, Paċikk?

—Intix tara dak il-ħajt, sinjur, hemm in-naħa tal-lemin? Tajjeb, ftit lil hawn minnha...

Sa fl-aħħar wasalna. Neħħejna t-tagħbija minn fuqna, frixna x-xibka, irbatna l-ħbula, poġġejna il-għasfur fin-nofs, qegħidna l-għalf u nbagħad staħbejna wara l-ġebel. Qgħadna bil-qiegħda, poġġejna l-azzarin wieqaf quddiemna u Paċikk ħareġ minn butu xi erba' sfafar.

—Sur Pawlin, issa xejn kliem. Għajnejn u idejn tajba. —u beda jsaffar.

Għal l-ewwel kont nistagħġeb kif il-għasafar jistgħu jiġu mqarqa minn tisfir ta' bniedem u jaħsbu li hu ta' wieħed minn sħabhom, iżda mita smajt lil Paċikk isaffar b'dik il-ħlewwa kollha u jxebbah it-tisfir tiegħu ma' dak ta' kull għasfur li jogħġbu, ġibt għajnejja wara widnejja u bqajt b'ħalqi miftuħ. Issa dehirli q'ed nisma ġojjin, issa sponsun, issa gardell; il-għasafar kollha, għax-xewqa ta' Paċikk, kien qishom q'ed igħollu leħinhom. Wara li qgħadt nitgħaxxaq bit-tisfir ta' Paċikk, qabadni n-ngħas u għandu jikun għajni marret xi ftit bija għax f'daqqa waħda ħassejt minn q'ed iċaqlaqni u jpespisli f'widinti biex ma nitniffisx. Ftaħt għajnejja: Paċikk b'sebgħu l-wieħed fuq xofftu u b'idu l-oħra turini s-sema ġagħalni niskot. Xħin ra li fhimtu, kompla jsaffar. Ħarist il-fuq: tliet għasafar, bħal tikek suwed, bdew iduru fil-għoli, issa jersqu, issa jitbiegħdu, donnhom ma jafux x'jibdew jagħmlu u kull tant bdew jixħtu tisfira qawwija. Paċikk u l-għasfur li kellna bdew iwieġbu għat-tisfir tagħhom u t-tikek suwed bil-mod il-mod bdew jikbru u jersqu sa ma waslu taħt it-tir ta' l-azzarin u nbagħad waqfu jduru. Paċikk resaq ħdejn widinti:

—Ġojjini—u għajnejh leħħu bil-ferħ u raġa' poġġa s-suffara f'ħalqu.

U saffar bħal ma jsaffar għasfur mejjet bl-imħabba, bħal għasfur li jixtieq isib ieħor bħalu biex flimkien igħaddu ħajjithom. Saffar bħalma jsaffar għasfur mita jagħilquh għall-l-ewwel darba, b'dak il-qtigħ ta' qalb kollu u b'dik il-biża' li ma jarġâx imur jittajjar ma' sħabu. Il-ħemda ta' fil-għodu u s-skiet ta' ma' dwarna, kabbar is-sbuħija u l-ħlewwa ta' dik il-għana. It-tliet ġojjini, mirbuħa minn dak il-għana, bdew jersqu jersqu, jinżlu bil-mod, għaddew minn fuq rasna u waqfu barra x-xbiek, inaqqru.

Aħna żammejna nifisna. Paċikk neħħa s-suffara minn ħalqu: issa x-xogħol kien f'idejn il-għasfur tagħna. Dan għal l-ewwel beda jnaqqar; xħin ra lil sħabu, beda jħares lejhom, jaqbeż 'l-hawn u 'l-hinn, iqajjem rixu u jsaffar; u bit-tisfir tiegħu kien donnu q'ed igħidilhom imorru ħdejh biex jieklu. Il-ġojjini bdew riesqa bil-mod. Tnejn minnhom daħlu jnaqqru, isaffru u jaqbżu ħdejn il-għasfur tagħna.

—Lesti l-ħabel, Paċikk.

—Titniffisx, sur Pawlin.

It-tielet ġojjin, imħajjar minn sħabu, bida riesaq, iżda kien donnu xamm xi ħaġa, għax miċ-ċaqliqa ta' rasu kien

jidher li q'ed jibża'. Paċikk, ma kull pass li l-għasfur kien jagħmel; kien imejjel rasu u kien lest bil-ħabel f'idu biex jiġbed u jaqleb ix-xibka. Fl-aħħar il-ġojjin daħal fin-nofs.

—Se' niġbed!

—Paċikku! Paċikku!

Il-ġojjini taru. Jien bqajt b'ħalqi miftuħ. Paċikku, aħdar bil-korla, qam b'sabta, ħataf l-ixkubetta u ħareġ jiġri.

—Żgur Ke...Kelinu ta' Marozz; iħa...iħallasili qa...qares! Jien ħriġt warajh u sibtu fuq blata jħares ma' dwaru.

—Min kien?

—M'hawn ħadd. Iżda naħlef li Kelinu ta' Marozz... eh! kk' naqbdu.

Tlajt fuq il-blata ħdejn Paċikk. Quddiem id-dura, innaħa tal-lemin u tax-xellug ħadd; wara, dar siekta, bit-twieqi mitbuqa. Għidna tnejn u rġajna dħalna fid-dura. Ma lħaqniex poġġejna bil-qiegħda li ma smajniex l-istess leħen.

—Paċikku! Paċikku!

—Ba...balleċ, issa ma jaħrablix aktar—u telaq bħal miġnun bl-ixkubetta f'idu. Jien ħriġt malajr, iżda ma sibt lil ħadd ħlief lil Paċikk iżarżar kull waħda li taqsam il-blat. Jiena u Paċikk ma nzertajniex nemmnu bil-fatati, għax kieku konna nwaħħlu fihom.

—Paċikk, afli qegħdin noħolmu!

—Noħolmu sabiħ, għax jekk naqbdu...

—Paċikku! Paċikku!

Dorna malajr. Ma rajna l-ħadd, iżda l-eku tal-leħen li smajna kien ġej minn wara d-dar. Paċikk sar aħdar, heżżeż snienu u kien sejjer jiġri xħin jien ħtaftu minn driegħu u ħattlu l-ixkubetta minn idu. Hu bla ma ddejjaq, silet xafra minn butu u telaq jiġri u jidgħi; u jien warajh, biex inżommu u ma nħallihx jagħmel xi biċċa.

—Kelinu ta' Marozz, is...issa tħalla...tħallasni.

Wasalna ħdejn id-dar u kif konna se nduru nisimgħu fuq rasna: Paċikku! Paċikku! Ħarisna 'l fuq. Paċikku telaq ix-xafra minn idu, jien infexxejt nidħak. Rajna, ftit il-fuq minn rasna, ġo setaħ, daqxejn ta' tfajla b'pappagal f'idha —Paċikku!— It-tfajla bi tbissima daret lejna.

—X'inhu gustus. Kull ma jisma' jgħidu. Xi siegħa ilu sama' xi ħadd minnkom igħid Paċikk u issa ħlief Paċikk ma jridx igħid!

Paċikku rafa' u daħħal ix-xafra fil-but, bexxaq għajnejh, ħares ftit lejn it-tfajla, beżaq waħda u:

—Balleċ—qal—min kien qatt jo...jobsor li pappagal isaħħanni daqshekk?

**Ġużè Bonnici.**